MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 45/1999/1

**Commonwealth Educational Society Ltd**

**vs**

**Rena Calleja u Gejtu Calleja konjugi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu s-somma ta’ mitejn u tmienja u sittin Liri Maltin (Lm268.00c) import tal-prezz ta’ diversi kotba lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjati mill-istess socjeta’ attrici skond l-iskrittura tal-23 ta’ Lulju, 1996 (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut iddekadew mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lill-konvenuti koncess mill-istess socjeta’ attrici fl-istess skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-konvenuti fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu mill-konvenuti

accettati pero’ effettivament gew minnhom rifjutati meta r-rappresentant tas-socjeta’ attrici wasal biex jikkonsenjahom lill-konvenuti fit-terminu previst fl-Iskrittura, kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut, rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess Skrittura permezz ta’ pagamenti rateali mensili, li ai termini tal-Iskrittura,, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lis-socjeta’ attrici b’effett mill-23 ta’ Settembru 1996, bir-rata ta’ Lm10.72c kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri legali tal-3 ta’ Ottubru, 1996, u tal-4 ta‘ Awissu, 1997 tal-Ittra Ufficjali tal-25 ta’ Frar, 1998, kif ukoll tac-Cedola ta’ Depositu prezentata mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 5 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi preliminarjament is-socjeta’ attrici trid tipprova li r-rapprezentant taghha fuq l-iskrittura in kwistjoni kien licenzjat ai termini tal-Kap. 317 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu responti bl-ispejjez, stante illi l-konvenuti kienu kkancellaw l-iskrittura kif kellhom id-dritt li jaghmlu ai termini ta’ l-istess skrittura u skond il-ligi.

3. Illi l-istess skrittura hija nulla stante illi mhix iffirmata miz-zewg konjugi. Illi s-socjeta attrici kienet taf li l-konvenuta Rena Calleja hi mizzewga.

4. Illi fi kwalnkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmija skrittura kienet vizzjata bil-qerq tas-socjeta’ attrici meta l-istess socjeta’ attrici ghamlet rapprezentazzjonijiet li wara hareg li kienu foloz u qarrieqa, kif ikollhom opportunita’ jipprovaw ahjar il-konvenuti waqt il-mori tal-kawza.

5. Salv eccezzjonijet ohra.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici (a fol 20 ibid) u li biha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Gejtu Calleja biss.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici (fol 45 et seq ibid) kif ukoll semghet it-trattazzjoni da parti tal-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-fatti risultanti mill-provi, Godfrey Aquilina (fol 11 et seq ibid) spjega illi, permezz ta’ ftehim bil-miktub (fol 14 u fol 2 tal-atti) iffirmat minn Jonathan Abdilla, “salesman” mas-socjeta attrici u l-konvenuta, Rena Calleja, din kienet ordnat il-kotba hemm specifikati bil-prezz ta’ Lm268 li kellu jithallas b’rati mensili ta’ Lm10.72,0. Skond l-istess ftehim, li jgib id-data tat-23 ta’ Lulju 1996, dan seta’ jigi kancellat a basi ta’ dak stipulat fl-artikolu 8 tal-Att numru VII tal-1987 illum il-Kapitolu 317 tal-Ligijiet ta’ Malta u skond il-modalitajiet stipulati fl-istess ftehim. Ta’ minn jinnota li hemm specifikat li “This contract will not be otherwise affected by any verbal representation or agreement differing in any way from this contract”. Ix-xhud kompla jghid li l-konvenuta kienet inghatat il-“cancellation form” skond il-ligi u ghalhekk setghet tikkancella dan il-ftehim fi zmien hmistax il-jum (ara fol 13 ibid). Pero’, il-kuntratt in kwistjoni qatt ma kien gie kancellat kif rikjest mill-ligi u skond l-istess ftehim. Inoltre kienet giet rifjutata l-konsenja tal-istess kotba.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-premess, il-konvenuta (fol 16 et seq ibid) spjegat li kien minnu li ffirmat l-imsemmi ftehim avolja ma tafx tikteb jew taqra’. Pero sostniet li l-imsemmi Jonathan Abdilla “ma kien semmili xejn dwar “cancellation form” u li stajt nikkancella il-bejgh fi zmien hmistax il-gurnata izda kien ta’ biljett” u kien qalilha “Naqtak minn hawn u nqatta’ kollox kollox jekk incempel”. Difatti, wara li ghaddew “xi hamest ijiem”, zewgha kien cempel lis-socjeta attrici u kien tkellem “ma xi hadd iehor”. L-istess zewgha Gejtu Calleja (fol 18 u fol 19 ibid) xehed li martu kienet urietu biljett b’fuqu mnizzel l-isem u kunjom tal-imsemmi

“salesman” kif ukoll numru ta’ “telephone”. Meta cempel wara li ghaddew tmint ijiem kien tkellem ma “xi hadd” maskili u dan sabiex jikkancella l-ftheim in esami. In rigward l-istess ftehim, ix-xhud spjega li hu jaf jaqra’ anke bil-lingwa Ingliza izda xorta wahda ma kienx qrah “peress li ma kontx interessat”.

Ikkunsidrat

Illi ma setax jigi prodott bhala xhud l-imsemmi “salesman” (ara fol 39 ibid). Pero’ kif jidher a fol 8 tal-atti, gie konfermat li hu kien lincenzjat bhala “Door to Door Salesman”.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-fatti u l-provi relattivi, ghandu jirrisulta s-segwenti:-

a) L-imsemmi “salesman” kien debitament licenzjat skond il-ligi “in materia” sabiex jagixxi ta’ “salesman”.

b) Hu minnu li l-ftehim ma giex iffirmat minn Gejtu Calleja, ir-ragel tal-konvenuta. Pero’ l-Qorti taqbel ma dak sottomess, mis-socjeta’ attrici fl-imsemmija nota ta‘ sottomissjonijiet, a fol 46 ibid. Difatti, l-konvenuta kienet pjenament kapaci, legalment, sabiex tiffirma l-istess ftehim. Inoltre, dan il-fatt ma jirrendiex l-istess ftehim null u bla effett fil-ligi. L-istess gie ritenut fis-sentenza citata mis-socjeta’ attrici u fl-ismijiet “Godfrey Aquilna nomine vs Joseph Falzon et” decisa mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 1998 (citaz numru 985/95GCD). Ghalhekk l-istess ftehim ikkrea obbligazzjoni fil-konfront tal-konvenuta esegwibbli fuq il-beni parafernali taghha u, sussegwentement, fuq il-basi komunitarji “sal-valur tal-konvenuta mill-komunjoni tal-akkwisti”.

c) Dwar l-eccezzjoni li l-iskrittura in esami kienet vizzjata bil-qerq minhabba li s-socjeta’ attrici “ghamlet rappresentazzjonijiet ….. foloz u qarrieqa”, dan bl-ebda mod ma irrisulta mill-provi prodotti. Fuq dan il-punt, kien ikun utili li jigi prodott is-“salesman”, Jonathan Abdilla, li

pero’, kif jidher a fol 39 ibid, ma hux kapaci li jixhed bhala konsegwenza ta’ incident stradali (ara wkoll fol 29 ibid). Inoltre dan il-punt ghandu jigi trattat u deciz “per azione” u mhux “per eccezione” permezz ta’ azzjoni “ad hoc” dwar il-validita o meno tal-iskrittura in esami.

d) Dwar it-tieni eccezzjoni, mill-provi prodotti jidher li, bhala fatt, il-konvenuta u zewgha kienu pjenament konsapevoli ta’ dak stipulat fil-ftehim in esami. Hu minnu li l-konvenuta ma tafx taqra’ jew tikteb waqt li taf tiffirma. Pero tali nuqqas certament ma jesistix fil-konfront ta’ Gejtu Calleja, zewgha li ddikjara li jaf jaqra anke bl-Ingliz. Mill-provi rrisulta li l-istess zewgha ra’ l-ftehim “wara tmint ijiem” izda ma qrahx ghax ma kienx interessat. Dwar dan jinghad illi kieku qara’ l-istess ftehim, kien jinduna bil-mod kif l-istess ftehim seta’ jigi kancellat skond il-ligi, u a basi tieghu u kellu zmien sufficjenti sabiex jibghat id-“declaration of cancellation” annessa mal-istess ftehim. Ghandu jinghad ulterjorment li anke, jekk ghall-grazzja tal-argument, ir-ragel tal-konvenuta ghamel dik it-telefonata msemmija fix-xhieda tal-konvenuta kif ukoll tieghu, din ma seta’ kellha qatt l-istess effett kieku sar il-kancellament bil-modalitajiet specifikati mill-ligi u mill-istess ftehim.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti f’dan il-kaz hemm ftehim apparentement validu fil-ligi, u li ma giex kancellat skond kif trid il-ligi u skond kif specifikat fl-istess skrittura. Ghalhekk il-konvenuta kienet obligata li tircievi l-konsenja tal-kotba in kwistjoni meta din saret u thallas il-prezz relattiv skond kif stipulat u miftiehem.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u:

1. tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu koncess minhabba l-ksur da parti tal-konvenuta, tal-obbligi kuntrattwali fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu accettati mill-konvenuta izda li gew rifjutati meta saret il-konsenja fit-terminu previst fl-istess skrittura kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tal-

istess konvenuta rigwardanti l-hlas tal-prezz tal-kotba permezz ta‘ pagamenti rateali mensili li kellhom jigu effettwati mit-23 ta’ Settembru 1996 bir-rata msemmija izda li ma sarux.

2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm268.00,0 bl-imghax legali mill-25 ta’ Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri legali tat-3 ta’ Ottubru 1996 u tal-4 ta’ Awissu 1997 u ta’ dik ufficjali tal-25 ta’ Frar 1998 oltre tac-cedola ta’ depositu tat-12 ta’ Jannar 1999 imsemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------